MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 6/2003

**ITC Limited**

**vs**

**Reggie Vella
u
XS Leisure Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Thallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM460.21c) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut ghall-bejgh ta' equipment ta' dwal u accessorji ohra.

Bl-imghaxijiet skond il-Ligi, u bl-ispejjes tal-ittra interpellatorja, tal-ittra ufficcjali u ta' dan l-avviz."

Ra r-risposta:

“Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti:

Jeccepixxu bil-qima:-

1. Illi preliminarjament it-tahrika kontra Reggie Vella hija rrita u nulla u dan stante l-fatt illi dan mhuwiex isem il-konvenut.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Reggie Vella qatt ma agixxa jew kellu xi tip ta’ relazzjoni ma’ ITC f’ismu proprju imma dejjem agixxa f’isem is-socjeta’ XS Leisure Limited;

3. Illi di piu’ il-bilanc dovut thallas kollu kemm hu minn XS Leisure Limited anzi thallset somma ikbar minn dik li di fatti kienet dovuta u dan peress illi s-socjeta’ attrici rceviet hlas ta’ materjal li qatt ma gie supplit.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.”

Sema’ l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Jirrizulta anke mill-istatement ipprezentat mis-socjeta’ attrici stess li l-konvenut Reggie Vella qatt ma kellu x’jaqsam personalment maghha u ghalhekk qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi s-socjeta’ attrici pproduciet statement (Dok ITC 2) li juri kif waslet ghall-bilanc minnha pretiz fl-avviz tat-talba. B’danakollu dan l-istatement xejn ma jidher li huwa preciz tant illi ma jinkludix zewg pagamenti sostanzjali maghmula permezz ta’ zewg cekkijiet wiehed tat-23.07.01 fl-ammont

ta' LM2370 (dok RV1 a fol 72) u l-iehor tat-12.03.2001 fl-ammont ta' LM495 (dok RV2 a fol 73). Dan huwa total ta' pagamenti ta' LM2865 li allura jekk tnehhi LM460.21 pretizi mis-socjeta' attrici ihalli kreditu a favur tas-socjeta' konvenuta ta' LM2404.79c. B'danakollu fil-kontro-talba is-socjeta' konvenuta talbet biss is-somma ta' LM617.60 bhala li giet imhallsa eccessivament.

Jirrizulta bl-iktar mod car ghalhekk illi mhux talli li s-socjeta' attrici m'ghandha tiehu xejn minghand is-socjeta' konvenuta, talli ghandha tirrifondilha dak li thallset eccessivament.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta' attrici, jilqa' l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' LM617.60 imhallsa eccessivament bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez a kariku tas-socjeta' attrici ITC Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------